# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D

**Seduta tal-Erbgha 21 ta' Jannar, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Brian Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Muscat ta' 47 sena iben Daniel u Carmen nee' Moore, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Jannar 1966, residenti Block G, Entrance A, Flat 3, Sqaq Ta' Frakass, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita' nru 58266M talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fl-1 ta' Dicembru 2001 bejn il-17:45hrs u s-19:00hrs minn gewwa ir-residenza bin-numru 69 li tinsab Triq it-Tempji Neolitici, Tarxien ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija li l-valur taghhom jeccedi il-2329.4 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' Maria Concetta Marmara, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-mezz, u bil-hin.

2. Bejn il-11 u t-12 ta' Mejju 2002 minn gewwa ir-residenza bin-numru 88 li tinsab Wied Hal Balzan, Balzan ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija li l-valur taghhom ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' George Coldman, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-mezz, u bil-hin.

3. Fit-23 ta' April 2002 bejn is-14:00hrs u s-14:15hrs minn gewwa ir-residenza bl-isem ta' St. Margherita House li tinsab Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija li l-valur taghhom jeccedi il-2329.4 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' Giuseppa Camilleri, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-mezz.

4. Fid-29 ta' April 2006 bejn is-19:55hrs u d-21:50hrs minn gewwa ir-residenza bin-numru 1 li tinsab Triq il-Lampuka, Rahal Gdid ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom gojjellerija li l-valur taghhom jeccedi il-2329.4 Euro (LM1000) ghad-dannu ta' Cettina Spiteri, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-mezz u bil-hin.

5. U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kkommetta reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-3 ta' Lulju 1998.

6. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr N. Cuschieri LL.D datata 19 ta' Ottubru 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

7. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e) u (f);263; 264; 265; 266; 267;269; 270; 278; 279(b); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 261(b)(c)(e) u (f);263; 264; 265; 266; 267;269; 270; 278; 279(a); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 261(b)(c) u (e);263; 264; 265; 266; 267;269; 278; 279(b); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 261(b)(c)(e) u (f);263; 264; 265; 266; 267;269; 270; 278; 279(b); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(h) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma din l-ammissjoni wara li inghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz il-Pre-sentencing report.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda pjuttost ikkulurita u c-cirkostanzi tal-kaz.

Billi jirrizulta li l-imputat huwa recediv a tenur ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti tqis li m'ghandhiex

alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva. Dan anki wara li rat l-istess pre-sentencing report. Jirrizulta infatti li l-istess imputat kellu u jista' jkun li ghad ghandu l-vizzju tad-droga u li huwa diga' skonta sentenzi ta' prigunerija izda nonostante kollox xorta wahda baqa' ghaddej bil-hajja kriminuza tieghu.

Id-difiza qeghda titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Wara li l-Qorti rat l-istess artikolu u rat il-pre-sentencing report u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet tqis li ghandha tapplika dan l-artikolu a beneficcju ta' l-imputat. Jirrizulta li r-reati addebitati jirrisalu ghas-snin 2001, 2002 u 2006 meta l-imputat kellu diffikultajiet kbar fosthom il-vizzju tad-droga. Fil-fatt anki mill-pre-sentencing report jirrizulta li r-reati kienu qeghdin jitwettqu biex isostnu l-vizzju. Certament din wahedha mhix bizzejjed ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Jirrizulta mill-atti li kellu mard fil-familja serju li harbatlu l-progress li kien ghamel biex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. Oltre' dan ftit aktar minn sentejn ilu kellha ssir amputazzjoni ta' saqajn l-imputat mill-irkoppa 'l isfel. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll din il-Qorti filwaqt li se titratta ma' l-imputat ghall-hames imputazzjoni, mhux se titratta mieghu ghas-sitt imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 21, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e) u (f);263; 264; 265; 266; 267;269; 270; 278; 279(a)(b); 280; 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija.

Inoltre' b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju 1998.

Ghar-ragunijiet fuq espressi taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reat li tieghu instab hati fid-19 ta' Ottubru 2000.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti li jammontaw ghal elfejn seba' mija u erba'u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2784.23) skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jridu jithallsu fi zmien tlett (3) snin millum b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew

parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat